**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 538/2024 MS*

**Francesca Schembri**

**Vs.**

**Jorgo Pacoli**

Illum, 21 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-14 ta' Mejju 2024, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> ILLI l-attrici hija propretarja tal-fond li jgib l-indirizz 21, (illum enumerate bhala 237) Triq Burmarrad (ukoll maghruf bhala High Ridge, Burmarrad Street, St. Pauls' Bay.
>
> ILLI l-attrici u l-konvenut kienu f'relazzjoni bejniethom u dan l-ahhar xhur il-konvenut beda jokkupa l-propjeta bla titolu.

> ILLI nonostante li r-relazzjoni bejn l-kontendenti thassret, il-konvenut baqa jinsisti li jrid jizzewweg lill-attrici u għalhekk nonostante interpellat sabiex jizgumbra l-insemmi propjeta baqa jinsisti sabiex jokkupa l-fond kontra r-rieda ta' l-attici u dana kif ukoll ghad-detriment taghha stante li qieghed jutilizza mill-utilitajiet kollha minghajr l-ebda hlas u kumpens.
>
> Illi l-intimat qieghed jiddetjeni l-pussess u l-okkupazzjoni tal-fond surreferit illegalment u abbuzivament u cjononostante s-surreferit l-intimat ghadu jirrifjuta li jivvaka l-appartament fuq imsemmi u li jirritorna c-cwievet kollha tal-istess lir-rikorrenti u ghadu sal-lum jippriva lir- rikorrenti milli tiehu lura l-pussess tal-istess fond bi pregudizzju u danni serji ghaliha stante ukoll li qed juza servizzi a spejjez tar-rikorrenti.
>
> Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex it-talbiet tal-esponenti, kemm ghall-izgumbrament kif ukoll ghall-hlas tal-prezz tas-servizzi kkunsmati minnu fil-fond imsemmi, jigu decizi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi sa fejn jafu l-esponenti l-intimat ma ghandux difiza x'jaghti kontra dawn it-talbie
>
> ILLI sa fejn taf l-attrici, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjonijiet x'jaghti fil-konfront tat-talbiet taghha.

l-istess attriċi ssoktat billi talbet lil din il-Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun, jogħġobha:

> 1. Taqta u Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh billi jinkorru c-cirkostanzi kollha mehtiega mill-artikolu 167 'l quddiem tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili.
>
> 2. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tigi minnha prefiss jizgombra mill-Propjeta li jgib l-indirizz 21, (illum enumerate bhala 237) Triq Burmarrad (ukoll maghruf bhala High Ridge, Burmarrad Street, St. Pauls' Bay.
>
> 3. Inoltre, tikkundanna lill-istess intimat ihallas lill-esponenti s-somma komplessiva ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€465.58), jew somma verjuri, prezz tas-servizzi kkunsmati mill-intimat fl-istess fond, kif fuq inghad.
>
> Salv kull provediment iehor illi dina l-Onorbbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.
>
> B'rizerva ghal kull azzjoni ohra, inkluz dik ghad-danni, kompetenti lill-esponenti skont il-ligi.

2. Rat id-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat;

3. Rat li l-konvenut, għalkemm ġie debitament notifikat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, ma deherx għall-udjenza u lanqas ma ressaq nota biex jikkontesta l-proċedura sommarja;

4. Rat illi skont l-artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-kontumaċja tal-konvenut il-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih it-talbiet tal-attriċi.

5. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa skont l-artikolu 167 'il quddiem tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tilqa' t-tieni talba u tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mil-lum jiżgombra mill-proprjetà bin-numru wieħed u għoxrin (21), illum enumerat bħala mitejn sebgħa u tletin (237), fi Triq Burmarrad f'San Pawl il-Baħar;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erba' mija ħamsa u sittin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€465.58);

(iv) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur